**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**kontra**

**GEORGE CHIRCOP**

**Illum is-7 ta' Lulju 2022**

**Kaz Nru 184-26**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **George Chircop**, iben Grezzju u Emanuela *nee'* Chircop, imwieled Bormla, nhar id-19 ta' Lulju, 1962, residenti gewwa 92, *Emstell*, Triq Xintill, Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 485162M, senjatament akkuzat talli;

1. Nhar il-11 ta' Marzu, 2021, ghall-habta ta' 12:30*hrs* u fil-hinijiet ta' qabel, fl-inhawi ta' Birzebbuga u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz li jkun xi ghasfur u ghaldaqstant naqas milli jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jikkoncernaw ronda ta' ruttina li l-pulizija kienu qed jaghmlu fil-11 ta' Marzu 2021, waqt stagun maghluq ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofs inhar fl-inhawi ta' Birzebbuga. Waqt din ir-ronda l-pulizija setghu jisimghu bird caller ghall-ghasafar tal-ghana. Il-pulizija mxiet mal-hoss u dahlu fl-ghalqa minn fejn kien jinstemma l-bird caller u hemm hekk sabu mansab armat ghall-ghasafar tal-ghana, fejn fid-dura instabet ir-remote ghall-bird caller li kien qed jinstemgha. Fuq il-post gie identifikat il-qua imputat George Chircop. Chircop, meta mitkellem mill-pulizija wara li nghata d-drittijiet tieghu, nnega li l-mansab kien tieghu.

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni kjarament jirrizulta li l-qua imputat kien l-unika persuna fuq il-mansab armat b'mod attiv b'ghasfur tal-ghana kif ukoll b'bird caller mixghul li kien jintefa mid-dura fl-ghalqa tal-imputat. Ghaldaqstant fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel u t-tielet imputazzjoni gew sodisfacentament ippruvati skond il-ligi. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-imputat ser jigi illiberat fuq nuqqas ta' provi galadarba dina l-Qorti hija sprovista mill-kundizzjonijiet tal-licenzja tal-qua imputat. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-ghasfur li insab fuq il-

mansab kien ghasfur protett. Konsegwentament l-imputat ser jigi lliberat minn din l-imputazzjoni ukoll.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, **qed tillibera lill-qua imputat, George Chircop mit-tieni u r-raba' imputazzjoni filwaqt li qed issibu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' multa ta' elf u sitt mitt Ewro (Eur. 1,600).**

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur